**276. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI B'ĊENS TEMPORANJU TA' ART F'TAS-SLIEMA TAL-KEJL TA' ERBAT ELEF ĦAMES MIJA U TNEJN U SEBGĦIN PUNT KWADRI, LIL TIGNÈ DEVELOPMNT COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jikkonċedi b'ċens temporanju lil Tignè Development Company art f'Tas-Sliema tal-kejl ta' erbat elef ħames mija u tnejn u sebgħin punt disgħa metri kwadri (4572.9 metri kwadri) murija delinjata bl-aħmar fuq pjanta markata L.D. numru 179A/76/A deskritta aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Tas-Sliema tal-kejl ta' erbat elef ħames mija u tnejn u sebgħin punt disgħa metri kwadri (4572.9 metri kwadri) murija delinjata bl-aħmar fuq pjanta mmarkata L.D. numru 179A/76/A tiġi mogħtija lill-imsemmija kumpannija, Tigne Development Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**18.07.1980**